Minuti tat-tlieta u sittin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar 2013 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1 Approvazzjoni tal-Minuti**

2548 Ġew approvati u ffirmati l-minuti tal-laqgħat numru wieħed u sittin li saret fit-18 ta' Diċembru u numru tnejn u sittin li saret fit-28 ta' Jannar 2013.

**Item 2. Mill-Minuti**

2549 *(para. 2479)* Il-fanali ta' *Triq Skerla* twaħħlu. Inġabu wkoll il-pots bil-pjanti minn Lawrence Borg. Galea Curmi bagħat il-kont ta' sistema tad-dawl tal-Proġett ta' Skerla li ġie approvat.

2550 (*para. 2480)* Il-bankijiet fil-bajja ta' Mgarr ix-Xini twaħħlu mill-kuntrattur Rapa Showrooms. Twaħħlu tnax-il bank. Dan il-kont ġie approvat.

2551 *(para. 2482*) Ix-xogħol tal-paving works tal-playing field hu lest. Tal-OPAL poġġa kollox u bagħat il-kont. Dan il-kont ġie approvat. Għandhom jinġiebu erba' bins ta' kuluri differenti u li jkunu faċli biex jitnaddfu. Il-Kunsill qabel li jsiru żewġ spotlights fil-playing field biex ikun imdawwal aħjar. Għandu jintalab il-permess tal-Enemalta biex ikun possibbli li jsiru dawn il-floodlights.

2552 Anton Zarb bagħat il-kont tax-xogħol ta' Triq Skerla li hu ta' €3,832.47. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan il-kont għar-raġuni li dan għandu jkun skont it-tender. Jekk ġab *circular bench* ikbar minn dak tal-kwotazzjoni hi responsabilta' tiegħu.

2553 *(para. 2486)* Id-Dipartiment tal-Agrikultura għamel ż-żbir tas-siġar tal-Pjazza. Wara li saret spezzjoni fuq il-post mill-MEPA saret rakkommandazzjoni li dawk is-siġar fejn hemm il-konki

vojta li mietu jiġu mibdula b'siġar tal-istess tip, jiġifieri siġar tal-Oleadru ta' tip simili għal dawk eżistenti. Ġew ordnati erba' siġriet mingħand Calamatta Landscaping Ltd. Dawn ser jaslu Malta fit-8 ta' Frar 2013. Inġabu l-kwotazzjonijiet għat-tneħħija tal-ħamrija u terġa' tinxeħet il-ħamrija.

Kwotazzjonijiet
(Hand Quotation)

**Skeda ta' Kwotazzjonijiet għat-tneħħija tal-ħamrija u tinxteħet il-ħamrija ġdida fit-toqob tas-siġar fil-Pjazza Santa Margerita**

| **Nru.** | **Kuntrattur** | **Ammont** |
|---|---|---|
| **1.** | Simon Sultana | €60.00 kull konka |
| 2. | Pius Attard | €114.00 ta' kollox |

Il-Kunsill għażel ta' Pius Attard li kienet l-irħas waħda.

2554 *(para. 2487)* Is-Sannat Lions F. C.bdew ix-xogħol fuq it-tender 07/2012 tal-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi. Huma ħawlu wkoll il-pjanti fi Triq Xamgħan u ta' Triq it-28 ta' April 1688.

2555 *(para. 2488)* Rigward il-kwotazzjonijiet għal provdiment u nstallazjoni ta' pots kbar u pjanti fil-pedestrian space ta' Skerla, Lawrence Borg ġab ix-xtieli u tħawlu.

2556 (para. 2500) Rigward ir-reinstatement tat-trinek tal-fanali li saru fi Triq Sannat għall-fanali sar kollox.

2557 Il-kuntratt mill-Urban Improvements Fund ġie ffirmat f'Dicembru 2012 u ser ikun ta' €36,459.70. Id-differenza trid tinħareġ mill-Kunsill. Is-somma ser tingħata lill-Kunsill fi tlett pagamenti.

2558 *(para. 2510)* Ix-xogħol taż-żbir tas-siġar fil-playing field sar minn Xerri's Garden Centre. Dawn użaw erba' open skips li tħallsu mill-Kunsill skont il-kwotazzjoni. Il-Kunsill qed jilmenta li kien hemm xi siġar ma nżabrux biżżejjed.

2559 *(para. 2516)* Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntratt tal-Mgarr ix-Xini Regional Park mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija għadu ma ġiex iffirmat. Min-naħa tal-Kunsill Lokali ta' Sannat ma hemmx diffikulta' biex dan jiġi ffirmat. Is-Sindku tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija qed tgħid li dan kien ġie ffirmat u għadha ma sabitux. Kemm Ruben Cassar l-ex Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija kif ukolll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Sannat jikkonfermaw li huma qatt ma ffirmaw dan il-ftehim. Dwar il-vetrina għal ġebel li nstab tal-Gruwa, is-Sur Tony Pace kiteb lill-Kunsill li l-kwotazzjoni li ġab kienet għolja u ppropona li l-Kunsill iġib tlett kwotazzjonijiet hu. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-ġimgħa għandhom jiġu żewġ rappreżentanti tal-BOV biex jaraw il-proġett ta' Mġarr ix-Xini Regional Park għaliex qed jikkunsidraw jekk jagħtux sponsor għal ispejjeż ta' dan il-proġett.

2560 *(para. 2517)* Saret l-interview għal post ta' Impieg Inklussiv fil-Komunita' biex jinpjega persuna bħala clerk/receptioninst full time (CES). Il-Bord irrakomanda lil Anthony Xerri għal

dan il-il-post ta' clerk/receptionist. Il-Kunsill approva din r-rakkomandazzjoni. Dan kien l-unika persuna li attendiet għal interview. Il-Kunsill approva li dan jiġi ngaġġat.

2561 *(para. 2520)* Iż-żebgħa għal ħitan tal-konkos tal-playing field inxtrat u l-ħaddiema qed jiżbħu kull fejn hemm bżonn. Joe Zammit lesta l-ftit xogħol extra li kellu jagħmel fil-playing field.

2562 *(para. 2521)* L-applikazzjoni tal-Skema Attivitajiet 2013 ġiet preżentata. Din l-attivita' ser issir f'Ġunju 2013.

2563 *(para. 2524)* Il-Marathona saret fis-16 ta' Diċembru 2012. L-Ingliż li sponsorja t-trophies hu Mr. Peter Lovewell.

2564 Rigward il-*Yellow Lines* ta' Triq Gerxija Transport Malta qalu li dawn jistgħu jsiru eżatt quddiem il-garaxx ta' Gatt. Dan qed isir bil-kundizzjoni li ma jiġux preġudikati d-drittijiet ta' terzi persuni. Dawn is-sinjali ma għandhomx jaqbżu l-wisa' tal-garaxx ta' Gatt House biex ir-residenti ta' faċċata jkunu jistgħu jipparkjaw quddiem id-djar tagħhom. Dan sar għal fatt li l-Kunsill qajjem it-tħassib tiegħu dwar il-problema ta' din it-triq.

**Item 3. Korrispondenza**

2565 Memo 59/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-għeluq tas-sena finanzjarja 2012.

2566 Memo 60/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar allegati abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dawl tat-toroq.

2567 Memo 01/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali f'lokalitajiet zgħar. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu għal proġett ta' Resurfacing ta' Triq l-20 ta' Lulju ġiet ikkunsidrata, iżda ma ntgħażlitx biex tingħata l-għajnuna finanzjarja permezz ta' din l-iskema. Il-Kunsill qabel li jintalbu l-kriterji għala din ma ntgħażlitx.

2568 Memo 02/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar L-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali Marzu 2013.

2569 Memo 03/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kors fil-kitba fil-Malti.

2570 Memo 58/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar talbiet mill-Kunsilli Lokali għal self mill-bank.

2571 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn talbu *feekback* dwar l-iskema CIES (Skema ta' Impieg nklussiv fil-komunita')

2572 L-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali għal Jannar – April 2013 ser tkun ta' €68,981.

2573 Ittra mill-Greenpak li wasal iż-żmien li nġeddu l-kuntratt tal-Greenpak. Il-Kunsill approva li dan il-kuntratt jiġġedded għal sena oħra. Il-Greenpak għandhom jibgħatu l-boros għal ġbir tal-iskart separat u dawn għandhom jitqassmu mill-għaqda tal-Armar tal-Festa a spejjes tal-Greenpak.

2574 Il-Kunsill irċieva ittra mill-Iskema Inizjattivi Sportivi 2013 fejn issuġġerixxew li l-kuntratt ikun imqassam hekk:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Aerobics | €750 |
| 2. | Logħob Mingħajr Konfini | €300 |
| 3. | Fun run & fun walk | €400 |
| 4. | Bike Day | €200 |
| 5. | Sports festival for children | €300 |
| | Total | €1950 |

Il-Kunsill approva s-suġġeriment tal-Bord tal-Iskema Inizjattivi Sportivi.

2575 Ittra mill-Kunsill Malti għas-settur tal-Volontarjat li jixtieq jkollu lill-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet Volontarjat kollha li jinsabu fir-raħal.

**Item 4. Materja Oħra**

2576 Il-kuntratt ta' Rita Spiteri għat-tindif tal-uffiċċju ġie mġedded għal sena oħra b'effett mill-31 ta' Jannar 2013 sa 30 ta' Jannar 2014.

2577 Marlene Muscat issuġġeriet li ssir talba lill-Malta Transport sabiex a spejjeż tagħha jittrasferixxi l-Bus Shelter li hemm fi Triq Ta' Ċenc ma' Triq Dun Luqa għal Triq Ta' Ċenc fil-parti ta' fuq fejn hemm id-daħla tal-lukanda ta' Ċenċ. Din it-talba għandha ssir għar-raġuni li l-Kunsill ma għandux flus biex iħallas l-ammont mitlub minn Faces Ltd. Il-Kunsill qabel li ssir din it-talba.

2578 Joe Bajada tkellem dwar it-terrapien bil-cold asphalt li nxeħet fid-Daħla taċ-Ċnus fejn il-ġnien. Hu qal li dan tferrex mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li dan tferrex biex tiġi livellata aħjar it-triq.

2579 Il-Kunsill approva sabiex fejn id-dar Nru. 29 fi Triq Skerla jitqaxxar il-blat li hemm fil-wiċċ u tingħata l-konkos. L-ispiża tax-xogħol hi ta' €961.15ċ. Dan ix-xogħol ser isir minn Pius Attard. Il-Kunsill approva li d-daħla tal-isqaq Ta' Xamgħan min–naħa ta' Triq il-Kbira li hu tal-konkos li jinsab fi stat ħażin titqaxxar u tingħata l-konkos mill-ġdid. L-ispiża hi ta' €200.

**Item 5. Patching ta' Toroq**

2580 Rigward il-patching tat-toroq bil-*cold asphalt* għandha toħroġ sejħa għal kwotazzjoni biex isir patching bil-metru kwadru. Għandu jsir ukoll patching tal-ħofor perikolużi li hemm fil-lokalita' minn Joseph Magro.

**Item 6. Laqgħa tal-Lokalita'**

2581 Il-laqgħa tal-lokalita' ser issir nhar il-Ħamis, 15 ta' Frar, 2013 fis-7.30 p.m.

**Item 7. Kwotazzjonijet għas-serata tal-Karnival**

SANNAT

2582 Inġabu *Hand quotations* għal attivita' tal-Karnival li kienu:

Hand Quotations
Quotation for the provision of P. A. System for Carnival 2013
Closing date 4th February 2013 at 4.00 p.m.

| No. | Contractor | Amount € |
|---|---|---|
| 1. | PRO Stage (Ant. Debrincat) | 185.00 |
| 2. | Power Sound (Ronnie Dimech) | 116.82 |
| 3. | Chris Sciortino | 182.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Power Sound li kienet l-irħas waħda.

Il-Kunsill ġab *hand quotation* mingħand Anglu Buttigieg għad dawl tas-serata' tal-karnival li kienet:

Option 1 - 4 stands b' 4 floodlights (16 floodlights) wieħed f'kull kantuniera, Generator, cables u installazzjoni - €300

Option B - 4 stands b' 4 floodlights (8 floodlights) f'post wieħed, generator, cables u installazzjoni - €250.

Il-Kunsill għażel Option B biex il-pjazza tkun imdawla aħjar.

**Item 8. Performance Bonus tal-Impjegati**

2583 Il-Kunsill approva l-Performance Bonus tas-Segretarju bl-10%. Dawk tal-Assistant Prinċipal u tal-iskrivana ġew approvati bis-6%. Il-Kunsilliera Teddie Bajada u Joseph Bajada li kienu barra l-kamra tal-laqgħa daħlu.

**Item 9. Il-Playing field – Ħruġ ta' tender għat-Tindif u Manutenzjoni**

2584 Il-Kunsill qabel li tinħareġ t-tender għal tindif u manutenzjoni tal-playing field biex la darba jkun lest jinżamm fi stat tajjeb.

**Item 10. Field Day**

2585 Il-Kunsill qabel li ssir Field day għat tfal tal-iskola primarja ta' Sannat. Għandhom jsiru arranġamenti mal-iskola ħalli din l-attivita' ssir.

**Item 11. Ilmenti**

2586 Jack Galea ilmenta dwar il-bozza li tneħħiet minn Triq Sannat mad-dar tiegħu. Hu qal li l-Kunsill Lokali ta' Sannat ta ordni lil Enemalta biex jaqtgħu d-dawl tal-bozza li hemm mwaħħla mad-dar tiegħu li kienet tipprovdi d-dawl għal *cross roads* kollha u b'hekk inħoloq periklu kbir għat-traffiku. Hu qal li ser iżomm lill-Kunsill responsabli ta' kollox. Is-Sindku qal li hemm hekk hemm id-dlam għaliex fil-*cross roads* hemm il-fanali li ilhom mitfija għal żmien twil. Qal ukoll li kienet saret il-ħsara mill-ħaddiema tal-ELC fil-wires meta kienu qed jagħmlu xi xogħlijiet. Hu qal li kien kellem lill-inġinier tal-Minsteru għal Għawdex u anki lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp dwar dawn il-fanali u saru ilmenti mill-Kunsill.

2587 Il-KIP Gozo kitbu biex Triq l-10 ta' Ottubru tiġi rranġata għaliex ma jistgħux jidħlu jiġbru l-iskart.

2588 Mary Muscat ta' Triq il-Kbira talbet biex jiġu miżbura s-siġar ta' quddiem l-iskola l-qadima. Dawn ġew miżbura mill-kuntrattur.

2589 Eucharist Cordina ta' 78, Triq il-Kbira talab biex il-gandott li hemm quddiem id-dar tiegħu jiġi re-instated bil-cold asphalt. Il-Kunsill qabel li dan jiġi ppeċjat bil-cold asphalt.

2590 Rose Fava Pisani, ta' St. Mary Flats, Triq Pisoniano sabiex il-ħofor li hemm fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 isir il-patching tagħhom.

2591 Guza Gauci, ta' 55 Triq il-Kbira talbet biex jitnaddaf il-passaġġ li jieħu għal Ta' Xamgħan.

2592 Gorgia Bajada, Gorton, Pjazza Santa Margerita talbet biex din it-triq issir One Way għaliex din hi il-ħames darba li saret ħabta mad-dar tagħha. Dwar din ġa kienet ittieħdet deċiżjoni dwarha.

2593 Joseph Azzopardi, Sliem, Triq it-28 ta' April 1688 qal li saret ħsara fil-bankina/rampa tal-garaxx li għandu fi Triq Falkun waqt li kien qed isir ix-xogħol tar-tarmak.

2594 Maria Buttigieg talbet biex isir qtugħ ta' ħaxix fi Triq Dun Luqa fejn mhix asfaltata.

2595 Is-Segretarju qal li fil-playing field hemm fanali perikoluzi u saru kemm il-rapport biex Richard jirranġa l-arbli fejn hemm bżonn. Dan għandu jerġa' jiġi nfurmat u jinżamm responsabli.

2596 Josianne Agius, Madonna ta' Pinu, Triq l-10 ta' Ottubru 1942 dwar l-istat tat-triq u li għandha tiġi asfaltata mill-ġdid.

2597 John Campbell, 23 The Old School House, Triq il-Kbira biex is-siġar jiġu miżbura.

2598 Liża Vella, Gesu Di Nazaret, Triq Gerxija, biex issir bozza għaliex dik il-parti tat-triq hi mudlama, bil-lejl tkun perikoluża għar-residenti u mudlama. Il-Kunsill approva t-talba sabiex issir bozza ġdida.

2599 George Curmi, 84 Ta' Ġokk, Xewkija li talab biex il-mera li kien hemm fi Triq Tal-Lewż li nsterqet terġa' tiwaħħal. Hu lest li jwaħħalha hu. Talab ukoll biex titwaħħal tabella biex ma jintremiex żibel fl-istess akwati. Il-Kunsill qabel li terġa' titpoġġa mera oħra. Għandha titwaħħal tabella biex ma jintremiex żibel.

2600 Is-Sur Charlie Muscat, Ave Maria, Triq Gruwa talab madwar metru mantunċina griża biex jirranġa l-bankina ta' dar tiegħu. Din it-talba ġiet approvata.

2601 Rigward il-ħitan tas-sejjieħ li hemm imwaqqa' fi Triq Mġarr ix-Xini, il-Ministeru għal Għawdex iridu site plan tal-ħitan u dikjarazzjoni tas-sidien. Is-sid tal-art hu l-Gvern Ċentrali għalhekk hi responsabilta' tagħhom li jirranġawhom. Dawn huma mwaqqa' għal ġo triq.

2602 George Spiteri ta' Triq it-28 ta' April 1688 għandu l-bankina kollha ħass u talab li l-madum jinbidel. Din ġiet approvata. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-IPSL.

2603 Mikelangelo Spiteri ta' Triq V. Caruana Spiteri talab biex tiġi rranġata l-bankina tad-dar li għandu fi Triq Dun Luqa. Din għandha ssir mill-ħaddiema tal-IPSL.

**Item 12. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

2604 Il-Kunsill approva l-pagamenti skont Skeda Nru. 29 li hi annessa mal-Minuti.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

Arthur Bajada

Segretarju Eżekuttiv

Philip Vella

Sindku